REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 159/2013

tal-21 ta' Frar 2013

li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni tal-benżoat tas-sodju, l-aċidu propjoniku u l-propjonat tas-sodju bħala addittiv fl-għalf tal-ħnieżer, it-tjur, il-bovini, in-nagħaġ, il-mogħoż, il-fniek u ż-żwiemel u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1876/2006 u (KE) Nru 757/2007

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprovdi għall-awtorizzazzjoni tal-addittivi għall-użu fin-nutrizzjoni tal-annimali u għar-raġunijiet u l-proċeduri li jagħtu tali awtorizzazzjoni. L-Artikolu 10 tar-Regolament jipprovdi għar-rivalutazzjoni tal-addittivi awtorizzati skont id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE ([2]).

(2) Preparazzjoni tal-benżoat tas-sodju, l-aċidu propjoniku u l-propjonat tas-sodju kienet awtorizzata mingħajr limitu taż-żmien skont id-Direttiva 70/524/KEE bħala addittiv tal-għalf biex jintuża għall-ħnieżer u l-baqar tal-ħalib mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1876/2006 ([3]) u għall-bhejjem tat-tismin mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 757/2007 ([4]). Dik il-preparazzjoni kienet sussegwentement imdaħħla fir-Reġistru tal-addittivi tal-għalf bħala prodott eżistenti, skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) Skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 flimkien mal-Artikolu 7 tiegħu, applikazzjoni tressqet għar-rivatulazzjoni ta' dik il-preparazzjoni tal-benżoat tas-sodju, l-aċidu propjoniku u l-propjonat tas-sodju bħala addittiv tal-għalf għall-ħnieżer u l-baqar tal-ħalib u baqar tas-simna u, skontl-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament għal użu ġdid għall-ħnieżer, tjur, baqar, nagħaġ, mogħoż, fniek u żwiemel, bit-talba li l-addittivi jkunu klassifikati fil-kategorija tal-addittivi "addittivi teknoloġiċi". Dik l-applikazzjoni kienet akkumpanjata bil-partikularitajiet u doumenti rikjesti skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(4) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet fl-opinjonijiet tagħha tas-6 ta' Settembru 2011 ([5]) u tal-24 ta' April 2012 ([6]) illi, taħt il-kundizzjonijiet ta' użu proposti, il-preparazzjoni tal-benżoat tas-sodju, l-aċidu propjoniku u l-propjonat tas-sodju m'għandhiex effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem diment li jittieħdu miżuri xierqa biex jiġu protetti l-utenti, jew l-ambjent, u li din il-preparazzjoni hija effikaċi biex jiġu priservati ċ-ċereali u l-għalf komplet. L-Awtorità ma tikkunsidrax li hemm bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ ta' wara l-kummerċjalizzazzjoni. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu tal-analiżi tal-addittivi tal-għalf fl-għalf li tressaq mil-Laboratorju tar-Referenzi mwaqqaf bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(5) Il-valutazzjoni tal-preparazzjoni tal-benżoat tas-sodju, l-aċidu propjoniku u l-propjonat tas-sodju turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma milħuqa Għaldaqstant, l-użu tal-preparazzjoni għandha tiġi awtorizzata hekk kif speċifikat fl-Anness ta dan ir-Regolament.

(6) Minħabba li ngħatat awtorizzazzjoni ġdida skont ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003, ir-Regolamenti (KE) Nru 1876/2006 u (KE) Nru 757/2007 għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(7) Peress li r-raġunijiet ta' sikurezza ma jitolbux l-applikazzjoni immedjata tal-modifiki fil-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni, huwa xieraq li jingħata perjodu tranżitorju għall-partijiet interessati biex jippreparaw lilhom infushom biex jilħqu r-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-awtorizzazzjoni.

(8) Il-miżuri li għalihom ir-Regolament jaħseb huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Awtorizzazzjoni

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tagħmel parti mill-kategorija tal-addittivi "addittivi teknoloġiċi"u mill-grupp funzjonali "preservattivi", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutrizzjoni tal-annimali, soġġetta għall-kundizzjonijiet imniżżlin f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 1876/2006

L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1876/2006 u l-Anness IV tiegħu huma mħassra.

Artikolu 3

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 757/2007

Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 757/2007 u l-Anness I tiegħu huma mħassra

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1.
([3]) ĠU L 360, 19.12.2006, p. 126.
([4]) ĠU L 172, 30.6.2007, p. 43.
([5]) *EFSA Journal* 2011; 9(9):2357.
([6]) *EFSA Journal* 2012; 10(5):2681.

Artikolu 4

Miżuri tranżizzjonali

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness u l-għalf li jkun fih dik il-preparazzjoni, li huma prodotti u ttikkettati qabel l-14 ta' Settembru 2013 skont ir-regoli applikabbli qabel l-14 ta' Marzu 2013 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fuq is-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Frar 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						mg/kg ta' għalf komplet b'kontenut tal-indewwa ta' 12 %			
Kategorija ta' addittivi teknoloġiċi Grupp funzjonali: preservattivi.									
1a700	—	Preparazzjoni tal-benżoat tas-sodju, l-aċidu propjoniku u l-propjonat tas-sodju	*Kompożizzjoni tal-addittiv* Preparazzjoni ta': benżoat tas-sodju 140 g/kg aċidu propjoniku 370 g/kg propjonat tas-sodju 110 g/kg Ilma: 380 g/kg *Karetterizzazzjoni tas-sustanzi attivi* Benżoat tas-sodju ($C_7H_5O_2Na$) ≥ 99 % wara li jinxef għal sagħtejn f'temperatura ta' 105 °C Aċidu propjoniku ($C_3H_6O_2$) ≥ 99,5 % Propjonat tas-sodju ($C_3H_5O_2Na$) ≥ 99 % wara li jinxef għal erba' siegħat f'temperatura ta' 105 °C *Metodu analitiku* [1] Kwantifikazzjoni f'addittiv tal-għalf: — determinazzjoni tal-benżoat: kromatografija f'faża inversa b'ditezzjoni tal-UV (HPLC-UV) — propjonat totali: Kromarografija b'Faża Likwida ta' Rendiment Għoli (HPLC-RI) b'indiċi rifrattiv li teskludi l-joni — sodju totali: spettrometrija tal-assorbiment atomiku, AAS (EN ISO 6869)	Ħnieżer Tjur Baqar Nagħaġ Mogħoż Fniek Żwiemel	—	—	10 000	1. Użu simultanju ma' sorsi oħra tas-sustanzi attivi ma għandux jaqbeż il-kontenut massimu awtorizzat. 2. Kontenut minimu: — Ċereali bi ndewwa ≥ 15 % ħlief il-qlub tal-qamħirrum 3 000 mg/kg ċereali; — Qlub tal-qamħirrum bi ndewwa ≥ 15 %: 13 000 mg/kg qlub tal-qamħirrum; — Għalf komplet bi ndewwa ≥ 12 %: 5 000 mg/kg għalf komplet. 3. Kontenut massimu fiċ-ċereali kollha 22 000 mg/kg ċereali. 4. Għas-sikurezza: huwa rakkomandat li jintużaw il-protezzjoni għall-imnifsejn u l-għajnejn u l-ingwanti waqt l-immaniġġjar.	l-14 ta' Marzu 2023

[1] Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi jistgħu jinstabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: http://irmm.jrc.ec.europa.eu/EURLs/EURL_feed_additives/Pages/index.aspx